MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2005

Numru 47/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Helga Debono**
v

**JOSEPH MARY DIFESA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH MARY DIFESA** ta' wiehed u hamsin sena bin Guseppi u Maria nee Farrugia, imwieled il-Belt Valletta nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Setttembru 1951 u residenti 'Villa Difesa', Triq Santa Clara, Bahar ic-Caghaq, detentur tal-karta tal-identita` numru 723051M gie imressaq quddiemha akkuzat talli :

1. Fit-tmienja ta' Jannar 2003 fil-Belt Valletta, u fi bnadi ohra f'’dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, l-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott t'industrija, jew manufattura, jew xjentement, ghamel ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh tali merkanzija, jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh, jew zamm ghandu ghal bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbhin b'qerq u cioe madwar disgha mija wiehed u hamsin audio CD's u hames mija sitta w tmenin DVD's allegatament foloz li nstabu fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KAS 015;

2. Talli bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, iddupplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassmu xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht l-ligi ta' Malta;

3. Talli bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, iddupplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassmu minn post jew minn gewwa post li huwa kopert b'licenzja, jew bhala parti minn attivita koperta b'tali licenzja, xi artikoli jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mill-jeddijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil/jew taht l-ligi ta' Malta;

4. Talli sar recidiv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie kkundannat b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati tnax ta' Mejju 1994, tanx ta' Gunju 1998,erbgha ta' Frar 2002 u sebgha w ghoxrin ta' Gunju 2002.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esibiti u tirrevoka l-licenzja ta' fixed hawker mahruga f'isem l-imputat Joseph Mary Difesa.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat sbatax ta' Jannar 2003 esebit fl-atti a fol 11 w immarkat dokument CSH 2 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dana kif jirrizulta mill-ezami li sar ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Marzu 2003, kif jirrizulta a fol 12 tal-atti.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti nkluz s-sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] per Magistrat Dottor Antonio Mizzi nhar t-tnax ta' Gunju 1998 markata bhala dokument HD 3 [fol 15], sentenza ohra wkoll moghtija fil-konfront tal-imputat mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] per Magistrat Dottor Antonio Mizzi nhar l-erbgha ta' Frar 2002 [fol 18], sentenza ohra moghtija fil-konfront tal-imputat mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] nhar t-tnax ta' Mejju 1994 [fol 20], sentenza ohra wkoll moghtija fil-konfront tal-imputat mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] nhar t-tnax ta' Mejju 1994 [fol 21] kif wkoll l-kwerela ta' Dottor Patrick J. Galea [fol 25].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tas-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2005.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tlieta ta' Novembru 2003 **xehed Dottor Patrick Galea [**fol 31] tal-atti fejn ikkonferma l-kwerela esibita fl-atti bhala dokument HD 7 [fol 25] bhala li giet maghmula minnu u gharaf fuqha l-firma tieghu fuq t-tielet faccata taghha. Qal li hu ma kellux fuqu d-dokumenti li jaghtuh l-poter ikun Special Attorney tas-socjeta minnu imsemmija fl-istess kwerela. Qal li meta ppresenta l-istess kwerela lil Ispettur, kopja tal-prokura tieghu ma kienx taha u ma kienx jidhirlu li kien gie mistoqsi ghal kopja.

Illi nhar t-tnax ta' Ottubru 2004 **rega' xehed Dottor Patrick Galea** [fol 79] fejn wara li ra l-prokura esibita a fol 25 qal li kien f'posizzjoni li jikkonferma l-kwerela tieghu u fuqha gharaf l-firma tieghu. Ix-xhud esibixxa wkoll l-prokuri mibghuta lilu mid-diversi socjetajiet esteri u cioe ghaxar kopji ta' prokuri li gew markati bhala dokumenti minn PD 1 sa PD 10 [fol 81 et seq]. Qal li l-original ta' dawk il-kopji jinsabu fil-pussess tieghu u li kien lest li jurihom lid-Difiza f'kaz li tixtieq tarhom.

Illi nhar t-tlieta ta' Novembru 2003 **xehed PC 569 Anthony Cassar** [fol 33] tal-atti fejn qal li nhar t-tmienja ta' Jannar 2003, ghal habta ta' nofsinhar hu, flimkien ma l-Ispettur Helga Debono u xi ufficjali ohra marru Triq Melita il-Belt Valletta u hemmhekk sabu lil imputat flimkien ma xi Pulizija tas-CID u kien hemm vann bin-numru ta' registrazzjoni KAS 015 tal-ghamla Escort, li kien fih ci CD's. Qal li huma hadu l-affarijiet li kien hemm fil-vann lejn d-Depot fil-presenza tal-imputat u l-Ispettur kompliet bl-investigazzjoni taghha. Qal li fil-vann kien hemm CD's u DVD's. Mistoqsi jekk fil-vann in kwistjoni kienx hemm xi haga partikolari, ix-xhud m'gharafx iwiegeb.

Illi nhar t-tlieta ta' Novembru 2003 **xehed PC 561 David Portelli** [fol 35] tal-atti fejn qal li nhar t-tmienja ta' Jannar 2003, hu, flimkien ma xi ufficjali ohra marru Triq Melita il-Belt Valletta u hemmhekk sabu lil imputat vicin vann bin-numru ta' registrazzjoni KAS 015 ta' kulur abjad flimkien ma xi Pulizija tas-CID. Qal li l-vann kellu hgieg tieghu maghluq bil-kartun biex b'hekk min ikun barra ma jkunx jista jara x'kien hemm gewwa. Qal li huma elevaw xi CD's li kien hemm go fiha u hargu ricevuta relattiva.

Illi nhar t-tlieta ta' Novembru 2003 **xehed PS 1298 Lambert Zammit** [fol 37] fejn wara li ra l-istqarrija esibita fl-atti bhala dokument HD 1, datata tmienja ta' Jannar 2003, fuqha gharaf il-firma tieghu fuq iz-zewg faccati taghha, kif wkoll l-firma tal-Ispettur Helga Debono. Ix-xhud gharaf lil imputat presenti fl-awla bhala l-istess persuna li rrilaxxjat l-istess stqarrija, liema imputat kien ghazel li ma jiffirmahiex.

Illi nhar s-sbatax ta' Marzu 2004 **xehed PS 621 Joseph Ciappara** [fol 57] fejn qal li nhar t-tmienja ta' Jannar 2003, ghal habta tal-hdax ta' filghodu hu kien gie moghti struzzjonijiet mill-Assistent Kummissarju Emanuel Cassar biex imur Triq Melita il-Belt Valletta, kantuniera ma Triq San Pawl, wara li kien rcieva informazzjoni li kien hemm xi vann li kien suspettuz. Qal li l-vann kellu numru ta' registrazzjoni KAS 015 u kellu informazzjoni li f'dan il-vann kien hemm xi nies u ghalhekk seta' kien qed jigi wzat ghal xi attivita llegali. Qal li mieghu kien hemm PS 1152 Emanuel Saliba, PC 1201 Joseph Cassar u PC 327.

Qal li meta marru fuq il-post ghamlu xi hin josservaw l-vann li kellu l-hgieg tieghu ta' wara w l-windscreen mghottija bil-gazzetti u ghalhekk x'kien hemm fl-istess vann ma setghax jara. Qal li ppruvaw jifthu l-bibien ta' quddiem pero kienu msakkrin u wara pprocedew ghal bieba ta' wara, ippruvaw jifthuha u dehret imsakkra wkoll u wara li gibduhom bil-qawwa, l-bibien infethu u gewwa kien hemm xi basktijiet relatati ma xi compact discs u DVD's. Qal li mbaghad kien mar l-imputat, li gharaf presenti fl-awla, w iccekkjaw il-vann in kwistjoni flimkien. Ix-xhud zied jghid li minn fuq il-post hu ghamel indagini mal-Kontrollur tal-Pulizija w irrizultalu li n-numru ta' registrazzjoni tal-vann kien jghajjat lil certu Anthony Regorani detentur tal-karta tal-identita numru 70767M. Ix-xhud qal li lil din il-persuna Anthony Regorani kien kkonfrontha bis-CD's pero qaltlu li ma kienux taghha. Il-vann kien gie miftuh minnhom u dan ghaliex kellu nformazzjoni li setgha kien hemm xi nies go fih. Qal li l-vann kien fuq l-bankina jhares wiccu 'l fuq lejn Triq Melita. Qal li kien hu li sgassa l-bieba ta' wara. Cahad dak li allegat d-difiza li l-vann kien miftuh ghaliex il-vann sgassah hu stess.

Illi nhar s-sbatax ta' Marzu 2004 **xehed PS 1152 Emanuel Saliba** [fol 59] fejn qal li nhar t-tmienja ta' Jannar 2003, hu kien presenti ma PS 621 Josef Ciappra meta marru fuq il-post u cioe fi Triq San Giovanni kantuniera ma Triq Melita il-Belt Valletta fejn raw vann abjad bin-numru ta' registrazzjoni KAS 015. Qal li huma

kienu marru hemmhekk peress li kienu qalulhom li kien hemm xi nies fl-istess vann u wara ftit li waslu, PS 621 Josef Ciappara sforza l-bieba ta' wara tal-istess vann u fih raw xi basktijiet bis-CD's fihom. Qal li fuq il-post ftit wara kien mar l-imputat li gharaf presenti fl-awla. Qal li l-imsemmi vann kien ipparkjat bil-hgieg kollu mghotti bil-gazzetti w imsakkar u li kienu huma li sgassawh biex fethuh.

Illi nhar s-sbatax ta' Marzu 2004 **xehed PS 1201 Joseph Cassar** [fol 61] fejn qal li nhar t-tmienja ta' Jannar 2003, hu kien mar fuq il-post u cioe fi Triq San Giovanni kantuniera ma Triq Melita il-Belt Valletta fejn kien hemm vann ipparkjat wiccu 'l fuq. Qal li mieghu kien hemm PS 621 Josef Ciappara u PS 1152 Emanuel Saliba. Ikkonferma li hemmhekk sabu vann bin-numru ta' registrazzjoni KAS 015. Qal li l-informazzjoni li kellhom kienet li f'dan il-vann kien hemm xi nies suspettuzi. Qal li ghalhekk huma ppruvaw jifthu l-istess vann pero ma setghux ghaliex kien imsakkar u wara ftit PS 621 Josef Ciappara sgassah minn wara. Qal li fl-istess vann kien hemm xi basktijiet bis-CD's u DVD's fihom. Qal li fuq il-post ftit wara kien mar l-imputat u dar fuq l-Ispettur u qalilha "dawn tista ssibli lili, mhux drogi."

Ikkunsidrat;

Illi fis-seduta tat-tlieta ta' Novembru 2003 [fol 30] l-Prosekuzzjoni kienet talbet lil Qorti sabiex tinnomina espert sabiex jezamina d-dokument HD 2, esibit mill-Prosekuzzjoni formalment nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Marzu 2003 [fol 12] konsistenti f'numru ta' CD's u DVD's.

Dakinhar stess u cioe fis-seduta tat-tlieta ta' Novembru 2003, il-Qorti kienet laqghet t-talba w innominat lil Paul Zammit Cutajar bhala espert ghal dan l-ghan.

Illi nhar s-sbatax ta' Marzu 2004 l-Prosekuzzjoi esibit riferta ta' dan l-espert Paul Zammit Cutajar ghaliex naqas li jidher l-Qorti ghalkemm notifikat u ghalhekk din l-istess Qorti kkundannatu multa ta' hamsa w ghoxrin lira maltin.

Illi fis-seduta tat-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 2004 [fol 67] il-Prosekuzzjoni kienet talbet li jinbidel l-espert nominat mill-Qorti b'digriet taghha tat-tlieta ta' Novembru 2003, u li jigi sostitwit bl-espert Martin Bajada.

Dwar din t-talba m'inghatax digriet w ghalhekk l-espert f'din l-kawza baqa Paul Zammit Cutajar.

Illi pero min ezami ta' dan il-process, ma jirrizultax li l-Prosekuzzjoni ressqet lil dan l-espert sabiex jixhed biex jghid li qeda l-inkarigu lilu moghti u meta nhar s-sitta w ghoxrin ta' Jannar 2005, iddikjarat li ma kelliex aktar provi ghazlet li tmexxi l-kaz taghha minghajr tali espert.

Il-Qorti taghmel referenza ghal artikolu 650(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:

*"Fil-kazijiet kollha li fihom ghal ezami ta' persuna jew ta' haga tkun tinhtieg hila jew sena specjali, <u>ghandha</u> tigi ordnata perizja."*

Issa f'dan il-kaz kien appuntu ghalhekk li din il-Qorti kienet laqghet t-talba tal-Prosekuzzjoni ghan-nomina ta' espert. Di piu, l-oggetti materjali <u>qatt</u> ma gew esibiti l-Qorti w ghalhekk zgur li din il-Qorti ma setghetx tirriampizza l-eszami li kelllu jaghmel l-espert billi taghmel ezami hi stess.

Il-Qorti wkoll tinnota li l-Prosekuzzjoni naqset meta ma ressqitx lil sid il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KAS 015 sabiex jiddeponi u jikkonferma li l-oggetti ma kienux tieghu jew almenu li l-imputat kellu l-pussess legittimu tal-vettura.

Fid-dawl ta' din ic-cirkostanza, ghalhekk **il-Qorti** ma thossx li l-Prosekuzzjoni irnexxilha tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi w ghalhekk **tiddikjara li ma ssibx lil imputat JOSEPH MARY DIFESA hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull akkuza.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-Qorti tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esibiti l-Qorti, stante li ma sabitx lil imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali talba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------